MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 487/2007

**Elia Camilleri (ID 633535 M) u Michelina Zerafa (ID 23937 M)**

**vs**

**Emmanuel u Claire konjugi Mamo**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elf, tlett mija, wiehed u tletin ewro u sebgha u tletin centezmi (€1331.37) gja` Lm571.56 rapprezentanti s-sehem taghhom tal-katusi ta` l-ilma u dranagg u 'labour' u spejjez tal-konsum, salvavita ecc, fejn jidher li saru dawn ix-xogholijiet, l-intimati bdew jaghmlu uzu minghajr ma hallsu sehemhom u dan a pregudizzju ta` l-esponenti.

Illi ghalkemm interpellati kemm-il darba huma baqghu inadempjenti. Illi ghalhekk kellhom jaghmlu din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi l-imghax legali minn meta l-intimati qabdu max-xoghol li sar u li bhala konsegweneza qed jibbenefikaw,  kif ukoll ta’ ittri bonarji ta` l-10 ta’ Marzu, 2007, 21 ta’ Marzu, 2007 u ittra ufficjali ta` l-4 ta` Mejju, 2007 bis-subizzjoni ta’ l-istess intimati.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepixxew illi  t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan fid-dawl ta’ dak dikjarat u stipulat fl-att pubbliku datat 3 ta’ Ottubru, 2005 in atti Nutar Dr Robert John Muscat u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi fi kwalunkwe’ kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet l-ammont reklamat huwa ferm ezagerat. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Ra d-dokumenti ezebiti  kollha fl-atti.

Ra l-affdavit u sema` x-xhieda ta’ Michelina Zerafa u Elia Camilleri, Claire Mamo u Emanuel Mamo, Nutar Robert John Muscat,

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

IKKUNSIDRA

Illi din il-kawza titratta dwar  hlas ta’ xogholijiet fil-komun ta’ block bini allegatament  dovut lill-atturi mill-konvenuti.

Mill-provi rrizulta  illi l-konvenuti kienu xtraw fond gebel u saqaf minn block bini appartenenti lill-atturi fit-3 ta’ Ottubru, 2005. Illi l-konvenju ghal dan il-fond kien sar originarjament ma` Hector Camilleri izda dan kien ceda d-drittijiet fuq din il-proprjeta’  lill-konvenuti fit-28 ta’ Marzu, 2005. Illi skond l-atturi l-ftehim ma` l-konvenuti kien illi huma  kellhom ihallsu nofs l-ispejjez tal-komun.

Illi mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta illi  jezistu zewg verzjonijiet konfliggenti u sabiex it-Tribunal jasal ghal

konkluzzjoni gusta u ekwa, ha jkollu jistrieh fuq il-provi dokumentali ezebiti fl-atti tal-kawza.

Illi jirrizulta illi l-partijiet kienu iffirmaw kuntratt in atti tan-Nutar Robert John Muscat fit-3 ta' Ottubru, 2005 u fih hemm stipulat illi '… l-komun tal-blokk ghandu jitlesta ghas-spejjez tas-sidien taz-zewg flats, indaqs bejniethom.' Illi fil-konvenju li gie ffirmat fil-21 ta' Marzu, 2005 bejn l-atturi u Hector Camilleri, u li sussegwentement gie assenjat lill-konvenuti, l-proprjeta' giet deskritta bhala fi stat ta' gebel u saqaf u li 'rigward it-tkomplija tal-komun, l-ispejjez relattivi ghandhom jitqassmu b'mod ugwali mas-sid ta` l-appartament numru 2…..'. Fil-fehma tat-Tribunal l-ispejjez kollha ta' kwalunkwe' tkomplija fil-komun wara l-21 ta' Marzu, 2005 kellu jinqasam ghal nofs indiviz bejn iz-zewg partijiet. Dan ifisser illi l-ispejjez kollha li saru qabel il-21 ta' Marzu, 2005 baqghu ghall-atturi u kwalunkwe' spejjez li jsiru fil-komun wara dik id-data ghandhom jitqassmu bejn il-partijiet bin-nofs.

Illi mill-provi dokumentali pprezentati mill-atturi jirrizulta bic-car illi r-ricevuti kollha ezebiti mill-atturi li jindikaw hlasijiet li saru minnhom u li jifformaw parti mill-ammont mitlub huma kollha datati qabel il-21 ta' Marzu, 2005. Illi wara li t-Tribunal ra l-konvenju datat 21 ta' Marzu, 2005 u l-kuntratt ta' bejgh datat 3 ta' Ottubru, 2005 huwa moralment konvint illi l-partijiet qablu illi kwalunkwe' spejjez fil-komun, kif ukoll spejjez ghal manutenzjoni u riparazzjoni ghandhom jsiru u jithallsu bejn is-sidien.

Illi mill-provi rrizultaw ukoll illi dawn il-kundizzjonijiet gew diskussi sahansitra quddiem in-Nutar Robert John Muscat li kkonferma li l-intenzjoni tal-partijiet giet riflessa fil-konvenju.

Mix-xhieda jirrizulta illi ghad fadal x'jsir fil-komun u t-Tribunal iheggeg lill-partijiet illi ghal dak kollu li ghad irid isir il-partijiet ghandhom ihallsu sehemhom fi kwoti indaqs u li t-Tribunal jissottolinea illi kwalunkwe' benefikat li jsir fil-komun tal-blokk illum appartenenti lill-partijiet huwa ta' gid ghalihom stess.

Illi t-Tribunal jirrilleva illi mill-provi migjuba quddiemu, f'ebda hin, kemm fil-konvenju u kemm fil-kuntratt ma gie indikat mill-vendituri, l-atturi odjerni, illi kien hemm xi spejjez ohra li kellhom ihallsu l-kumpraturi u cioe' l-konvenuti fil-kawza ta` llum. Illi fil-fehma tat-Tribunal, kieku kien hemm xi spejjez ohra li kellhom jithallsu dawn kellhom jissemghu lill-konvenuti qabel ma sar l-kuntratt partikolarment meta d-dati fil-fatturi u ricevuti ezebiti, li jifformaw l-ammont fit-talba huma datati ferm qabel id-data tal-konvenju datat 21 ta' Marzu, 2005.

Ghalhekk it-Tribunal ha jistrieh fuq il-provi dokumentali li ghandu quddiemu u wara studju u evalwazzjoni tal-provi li ngabu quddiemu ihoss illi t-talba attrici m'ghandhiex tigi milqugha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------